

32004L0005

L 14/19

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.1.2004

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2004/5/KE
ta' l-20 ta' Jannar 2004
li temenda d-Direttiva 2001/15/KE sabiex tinkludi ċerti sustanzi fl-Anness
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti ta' l-ikel maħsuba għal użu nutrijenti partikolari ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel jew l-Awtorita Ewropea dwar is-Sigurta ta' l-Ikel,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/15/KE tal-15 ta' Frar 2001 dwar sustanzi li jistgħu jiżiedu għal għanijiet speċifiċi nutrittivi f'ikel għal użu nutrijenti partikolari ⁽²⁾ tispeċifika ċerti kategoriji ta' sustanzi u ssemmi għal kull waħda minnhom is-sustanzi li jistgħu jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel għal użu nutrijenti partikolari. Tippovdi li Stati Membri għandhom jipprojbixxu l-kummerċ fi prodotti li ma jikkonformawx mad-Direttiva b'effett mill-1 ta' April 2004.
- (2) Fil-ħin ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2001/15/KE numru ta' sustanzi kimiċi miżjuda għal għanijiet speċifiċi nutrittivi f'xi ikel għal użu nutrijenti partikolari, li jinbiegħu fis-suq f'xi Stati Membri, ma setgħux jiġu nklużi fl-Anness ma' dik id-Direttiva minħabba li ma kienux ġew evalwati mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (KXI).
- (3) Dawk is-sustanzi kimiċi li minn dak in-nhar ġew evalwati mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel jew mill-Awtorita Ewropea dwar is-Sigurta ta' l-Ikel u rċevew evalwazzjoni xjentifika favorevoli għandhom jiġu nklużi fl-Anness mad-Direttiva 2001/15/KE.
- (4) Minħabba li prodotti li jikkontjenu dawk is-sustanzi huma fis-suq f'ċerti Stati Membri, huwa meħtieġ li din id-Direttiva tiġi mibdula qabel l-1 ta' April 2004, sabiex jiġi evitat li l-projbizzjoni provvduta fid-Direttiva 2001/15/KE issir applikabbli għal dawk is-sustanzi għal perjodu ta' żmien limitat, li jista' jikkawża taħwid mhux mistħoqq tas-suq.
- (5) Id-Direttiva 2001/15/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Il-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

Artikolu 1

L-Anness mad-Direttiva 2001/15/KE huwa emendat b'mod konformi ma' l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2004. Għandhom jikkomunikaw fil-pront lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-istati membri għandhom jstabbilixxu kif trid issir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewliena tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 27. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) No 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 52, tat-22.2.2001, p. 19.

L-ANNESS

L-Anness mad-Direttiva 2001/15/KE huwa emendat kif ġej:

1. Fit-Taqsima rigward Kategorija 2. Minerali, tiżdied il-linja li ġejja taħt l-intestatura KALĊJU:

Sustanza	Kondizzjonijiet ta' użu	
	Kollha FPNU	FSMP
"— solfat	x"	

2. Fit-Taqsima rigward Kategorija 3. Amino aċidi, jiżdiedu l-linji li ġejjin:

Sustanza	Kondizzjonijiet ta' użu	
	Kollha FPNU	FSMP
"— L-serine		x
— L-arginine-L-aspartate		x
— L-lysine-L-aspartate		x
— L-lysine-L-glutamate		x
— N-acetyl-L-cysteine		x
— N-acetyl-L-methionine		x fi prodotti maħsuba għal persuna ta' eta ta' aktar minn sena"

3. Fit-Taqsima rigward Kategorija 4. Carnitine u taurine, tiżdied il-linja li ġejja:

Sustanza	Kondizzjonijiet ta' użu	
	Kollha FPNU	FSMP
"— L-carnitine-L-tartrate	x"	